MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 54

23 ta' Novembru 2022

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
ASSENTI
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
John P.Bonnici – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.34pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal *online* jew ġie fuq il-post fil-ħin. Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet talba.

## 54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

54.1.1 Is-Sindku qal li kellu ittra t'apoloġija tas-Sur Alex Mangion li kien jinsab ma jiflaħx. Din l-apoloġija ġiet aċcettata.

## 54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

54.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 52 u 53 ġew approvati.

## 54.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

54.3.1 *Uffiċċini*

Is-Sur Cordina qal li x-xogħol fuq l-uffiċċini għaddej, li ġabu t-torba u li l-aperturi jinsabu ordnati. Qal li kien hemm laqgħa fuq il-post fejn intqal li se jsir xi xogħol fuq il-faċċata u ntalab permess biex ikunu jistgħu jaħdmu min-naħa tal-iskola. Kompla jgħid li jekk ikun hemm bżonn se jiskattaw minħabba li l-perjodu sa meta kellu jitlesta x-xogħol se jagħlaq fis-26 ta' Novembru 2022.

54.3.2 *Ġnien Misraħ Kola*

Is-Sur Cordina nfurma l-Kunsill li kellu jingħalaq Ġnien Misraħ Kola minħabba li hemm xi ħsarat strutturali fil-konok li nqassmu u peress li għaddej id-dawl minnhom kien lok li dan jingħalaq sakemm isiru x-xogħolijiet. Is-Sur Cordina qal li l-fondi għar-ristrutturazzjoni se jinġabu mill-LESA u li qed jippruvaw kemm jistgħu jissikkaw minħabba nuqqas ta' *cash flow.*

54.3.3 *Ġnien l-Istazzjon*

Is-Sur Cordina qal li Ġnien l-Istazzjoni mexjin sew ukoll. Il-Perit Dieter qed imur jiċċekkja kull ġimgħa. Tqabbad ukoll *Health and Safety Officer*, is-Sur Ray Mifsud, min-naħa tal-Kunsill biex ikun indipendenti mill-kuntrattur u kellu jara miegħu prezz eżatt biex ikun jista' jibda u jerġa' jkellimhom.

54.3.4 Skema *European Mobility Week*

Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill ġie fit-tieni post u ngħata s-somma ta' € 25,000 għal xiri ta' vann li jkun jista' jaqdi l-komunità. Dan ma kienx ikun possibbli li mingħajr l-isforz tas-Segretarju u l-istaff li applikaw għall-fondi. L-Avukat Caruana qalet jekk dan hux se jkun għat-tliet lokalitajiet.

Is-Sur Cordina qal li dan se jaqdi l-lokalità u wieħed irid jara kif se taħdem is-sistema biex l-affarijiet jimxu ħarir kemm jista' jkun.

Is-Sur Cordina qal li bażikament dak kien kollox u saqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet. L-Avukat Brincat saqsa kemm sa jdum magħluq il-Ġnien minħabba li hemm żewġ entraturi u ċ-ċint hu vera baxx li fil-fatt kultant jaqbżu minnu. Is-Sur Cordina qal li ma jafx kemm se jdum magħluq imma ġaladarba kien hemm parir biex jingħalaq il-Kunsill mhux se jkun *liable.* L-Avukat Brincat talab biex issir nota maċ-ċint biex il-Kunsill ikun ħa l-prekawzjonijiet kollha.

Is-Sur Bartolo qal li l-vann ta' Tas-Sliema għandu reklam kbir tal-Wellbees miksi mal-vann kollu li jimmaġina li hu xi forma ta' sponsor. Kieku l-Kunsill ta' Ħ'Attard jagħmel xi ħaġa simili jiffranka r-*running costs*. Is-Sur Cordina qal li hija ideja tajba li ħa tiġi kkunsidrata.

Il-Perit Schembri qal li dak li qal is-Sur Bartolo hi ideja tajba imma qabel xejn jiċċekkjaw il-kundizzjonijiet tal-għoti tal-fondi għax jista' jkun li eżempju fl-ewwel ħames snin ma jista' jsir xejn reklamar ħlief il-logo ta' ma' tagħna l-fondi. Is-Sur Cordina qal li hemm xi ħaġa simili ħdejn il-*huts* ta' Ta' Qali fejn il-vann kellu l-logo ta' Transport Malta.

54.3.5 **Cleanup**

Is-Sur Cordina qal li jekk it-temp iżomm se jsir tindif ta' Wied Irmiedi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-attività tat-tindif tifforma parti minn serje t'attivitajiet marbuta mal-*Waste Reduction Week* fejn fost affarijiet oħra se jsir Thrift Shop fis-26 ta' Novembru mid-8am sa 7pm. Thrift Shop hu bejgħ ta' ħwejjeġ f'kundizzjoni tajba li l-qliegħ kollu se jmur għall-Hospice Malta. Attivitjiet oħra jinkludu *pamphlet* li se jitqassam fl-iskola fejn tfal se jiġu nkuraġġuti jaħdmu *soft toy* minn fuq pattern bħal tal-Burda jew kalzetta dekorattiva fuq it-tema ta' din is-sena li hu t-textiles/drapp li wara tiġi preżentata l-Kunsill biex titpoġġa taħt is-siġra l-Belt.

Is-Sur Victor Galea daħal f'dan il-mument 05.47pm.

## 54.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

54.4.1 L-Avukat Helen Caruana

- Qalet li sarilha rapport li qed isir parkeġġ minn vetturi kummerċjali fi Triq il-Ħarrub. Hi talbet li din it-triq issir No Entry except for residents bħal ħdejn il-Corinthia. Is-Sur Cordina qal li dik hi temporanja sakemm titlesta l-underpass. L-Avukat Caruana qalet li mqar sakemm jitlesta x-xogħol ta' bini ta' djar. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-vetturi mhumiex assoċjati mal-bini li qed isir hemm fuq imma huma ta' kumpanija privata Dexter li qed jitneħħew minn banda u jitpoġġew band'oħra.

54.4.2 Il-Perit Giorgio Schembri

- Ilmenta fuq kif tħallew it-toroq lejn l-akwata ta' Wied Irmiedi. Hu qal li kien hemm proġett ta' toroq fejn il-kuntrattur beda xi xogħolijiet, ingħata t-tarmak b'saff wieħed,

tabella tat-triq tkissret u li lanqas il-bridge ma tkompla. Is-Sur Cordina qal li x-xogħoljiet fuq il-bridge weqfin għax hemm Triq il-Pitkali magħluqa. Hu kompla jgħid li ma jistax jimbotta biex isir ix-xogħol għax inkella jispiċċaw kullimkien magħluq bla dħul u ħruġ. Jista' faċilment jitkompla x-xogħol fuq it-toroq tal-akwata tiegħu imma żgur mhux forsi mhux sa jħalli l-lokalità bla aċċess. Il-Perit Schembri qal li hemm bżonn li l-Kunsill jimbotta, Ta' Qali qisu żona tal-gwerra kullimkien trab. Hu qal li mhux kontra li jsiru x-xogħolijiet imma m'hemmx *timeframes* kullimkien *works in progress*. Is-Sur Cordina qal li hu talab appuntament mas-CEO il-ġdid. Il-Perit Schembri kompla jilmenta li l-Kunsill għandu jagħmel pressjoni fuq Infrastructure Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv proponiet li l-Kunsill jitkellem mal-kuntrattur imma l-Kunsill ma qabilx minħabba li dawn mhux xogħolijiet tal-Kunsill imma ta' Infrastructure Malta.

Is-Sur Galea propona li jsir appuntament mal-Ministru ikkonċernat imma hawn ukoll ma kienx hemm qbil minħabba l-bibien magħluqa li l-Kunsill ilu snin isib meta jsiru lmenti ta' dan it-tip. Is-Sur Galea qal li l-komunità kummerċjali ta' Ta' Qali lmentaw li ntesew. Infatti s-Sur Cordina qal li l-Ministeru ta' Aaron Farrugia marru jgħidu lill-komunità kummerċjali fi Triq il-Pitkali li t-toroq jinsabu magħluqin tort tal-Kunsill Lokali li mhux il-fatt minħabba li x-xogħolijiet mhumiex tal-Kunsill u li l-Kunsill ipprova jsib bilanċ ma' dawn ix-xogħolijiet kollha għaddejjin madwar il-lokalità.

Is-Sur Cordina qal li din hi l-karba tal-Kunsilli kollha li sar diffiċċli tmexxi Kunsill. Il-Perit Schembri qal li kullimkien maqlugħ anka fejn jidħol il-privat imma fejn jidħlu xogħolijiet pubbliċi, dan kollu jista' jiġi kkontrollat permezz ta' kundizzjonijiet imposti fit-tenders li donnu kulħadd sar jinjora.

Il-Perit Schembri semma l-fatt li fl-iskola Primarja hemm problema ta' nuqqas ta' kotba. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif saret ordni mill-iskola għal *textbooks* tas-somom u dawn intesew mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Hi qalet li għamlet kuntatt mal-iskola u sal-ġurnata tal-bieraħ kienu għadhom ma waslux. Offriet ukoll li l-Kunsill jgħin b'xi kopji imma minħabba l-*copyright* dan ma setax isir. Il-Kap tal-iskola ordnat xi kotba hi stess u kkonfermat li dawn ħa jkopru l-kurrikulu tal-5 sena. Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet li tfal ħallsu wkoll €20 għal kopji ta' *textbooks* oħrajn u suppost m'għandhomx ikollhom problemi.

54.4.3 L-Avukat Brincat

- Staqsa fuq il-Villaġġ Sportiv. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s'issa m'hemmx xejn għax hemm ħafna oġġezzjonijiet.
- Wassal messaġġ informattiv fuq proġett Nazzjonali li qed isir mill-Ministeru tal-Ortikultura rigward il-*hornets* u talab biex il-Kunsill jikkolabora magħhom.
- Fi Triq il-Linja hemm xi siġar sporġuti l-barra biex jinżabru.

## 54.5 Rapporti: Rapporti tal-Kwart tas-Sena Jannar – Settembru 2022;

54.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill bħalissa qed jopera b'*deficit* minħabba li għandu iktar ħruġ milli dħul u dan hu għal fatt li saru bosta spejjeż ma' proġetti li l-fondi tagħhom ġew mitluba lill-Entitajiet bħal EU u bħal Development Planning Fund imma li mhumiex 100% *committed* li ħa jiġu re-imbursed fosthom l-ispejjeż marbuta mal-Ġemellaġġ li jridu jiġu sottomessi r-rapporti biex ningħataw lura l-fondi, il-bini tar-*retaining wall* fi Ġnien l-Istazzjon u l-varjazzjonijiet marbuta mal-bini tar-*reservoir.* Qalet li l-ispejjeż kollha ħarġu mill-fondi tal-Kunsill u allura bħalissa l-Kunsill għandu problema ta' *cash flow.* Tenniet li l-Kunsill qed iġarrab ukoll telf fuq il-ġbir ta' skart minħabba li dan għola drastikament mill-1 ta' Jannar 2022 kif ukoll it-tender il-ġdid tal-knis li beda mill-1 taġ Lulju 2022. Kompliet tgħid li l-Kunsill fejn jista' qed iġib fondi ulterjuri imma naturalment hemm distakk bejn dak li jkun dieħel attwalment u dak li jkun qed jitħallas. Ir-rapport ġew approvati.

## 54.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

54.6.1 ***<u>Rizoluzzjoni 5</u>***

Permezz ta' din ir-riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qed jaqbel li japplika għall-fondi taħt l-iskema tal-LESA – Proġetti fil-Komunità – sabiex jintużaw għall-għamara fil-Librerija l-ġdida ġewwa Ġnien l-Istazzjon.

L-ammont li qed jintalab huwa ta' €28,318.40 (80% tas-somma) bil-kumplament jiġi finanzjat mill-fondi tal-Kunsill.

Proponent Stefan Cordina
Sekondant Helen Caruana

Kulħadd qabel.

54.6.2 ***<u>Ikla tal-Kunsill</u>***

Din se ssir Scicluna Farmhouse bil-prezz imħallas skont ic-Cirkularijiet tal-2010 u 2016. L-Extra jrid jitħallas fuq bazi personali.

54.6.3 ***<u>Jum il-Lokalità</u>***

Is-Sur Bartolo propona li l-avvenimenti/attivitajiet relatati ma' Jum Ħ'Attard isiru fuq ġurnata li tibda bil-quddiesa, Scouts u banda, żjarat u ħafna affarijiet oħra fosthom l-għoti ta' Ġieħ Ħ'Attard u jsiru nhar is-26 ta' Marzu 2023.
Kulħadd qabel.

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

## 54.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

54.7.1 Approvati. Is-Sur Cordina saqsa għall-proponent u sekondant u vvolontarjaw is-Sinjura Helen Caruana Proponent u s-Sur Victor Caruana Sekondant.

## 54.8 Mozzjonijiet; u

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 54.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

54.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.17pm u ġiet aġġornata għall-21 ta' Diċembru 2022 fis-5.30pm

Konfermati, illum 21 ta' Diċembru 2022.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv